MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 2141/2003

**Jesmond u Marthese konjugi Hili**

**vs**

**Emanuel Delia u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2003 giet ordnata il-kjamata in kawza tas-socjeta' Master Electric Co. Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub lli l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm258.00) rapprezentanti spejjes li kellhom jaghmlu l-atturi wara li x-xoghol li esegwixxa l-konvenut fil-fond propjeta' tal-atturi ma sarx skond is-sengha u l-arti, liema spejjes jikkonsistu f'xoghlijiet rimedjali mehtiega per konsegwenza ta' perkolazzjoni ta' ilma.

BL-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. It-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante lli fl-ewwel lok hija preskritta.
2. Illi fit-tieni lok ix-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u ma kien hemm ebda lment mill-atturi meta x-xoghol tlesta.
3. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Ra t-talba rikonvenzjonalli tal-konvenut fejn huwa talab li l-atturi jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' erba' mija u tletin lira Maltin rapprezentanti bilanc tal-prezz tal-appalt li ghadu dovut lill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn huma eccepew is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament it-talba tal-konvenut rikonvenjenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba tal-konvenut rikonvenjenti ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontrih, stante li l-ammont pretiz m'huwiex dovut.
3. Salv eccezzjonijet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra d-digriet tal-1 ta' Dicembru 2003 fejn giet milqugha t-talba maghmula mill-konvenut ghall-kjamata in kawza tas-socjeta Master Electric Co. Limited.

Ra r-Risposta tas-socjeta' kjamata in kawza fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talba hija preskritta fil-fatt u fid-dritt u dan ai termini tal-Artikolu 2149(a).
2. Illi fit-tieni lok ix-xoghol sar skond is-sengha u l-arti.

Sema' x-xhieda tal-attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-aentenza in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut kif diretta kontra t-talba attrici u l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-atturi ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet fir-rigward tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra:

Illi fl-1999 l-atturi kienu inkarigaw lill-konvenut jaghmel xi xoghlijiet fid-dar taghhom. Mix-xhieda tal-attrici jirrizulta lli kien hemm kutnratt ta' appalt bejn il-partjiet ghaliex ix-xoghol lli kien gie mqabbad jaghmel il-konvenut kien wiehed *turnkey*. L-atturi jsostnu li wara erba' snin li saru x-xoghlijiet huma skoprew li x-xoghol maghmul mill-konvenut ma sarx skond is-sengha u l-arti u huma sofrew danni bhala konsegwenza ta' dan ix-xoghol li sar hazin. L-azzjoni attrici hija proprju talba sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas dawn id-danni sofferti mill-atturi u kaguanti mix-xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti mill-konvenut.

Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. It-Tribunal jidhirlu li din il-preskrizzjoni m'hijiex il-preskrizzjoni appliakbbli ghall-azzjoni attrici stante li trattandosi ta' kuntratt ta' appalt u ta' azzjoni naxxenti min-nuqqas tal-konvenut li jadempixxi mal-kuntratt tal-appalt billi huwa ma esegwiex xoghol skond is-sengha u l-arti, il-preskrirzzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. F'dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Lullju 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Direttur Generali tax-Xoghlijiet Pubblici vs Charles Azzopardi (PA/TM)** fejn inghad li *"ir-relazzjoni bejn is-sid u l-kuntrattur hija wahda kuntrattwali bil-preskrizzjoni ghad-danni tkun dik generali ta' hames snin*

*u b'obbligu tal-kuntrattur li jagmmel tajjeb ghad-danni jekk jirrizulta li hu ma wettaqx ix-xoghol li gie nkarigat jaghmel kif trid is-sengha ta' dak ix-xoghol partikolari".*

Ghal dawn il-motivi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut qed tigi michuda.

Il-konvenut in via rikonvenzjonali talab li l-atturi jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' Lm430.00 dovuta bhala bilanc tal-prezz miftiehem ghall-appalt. L-atturi eccpepw il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16. Din il-preskrizzjoni m'hijiex il-preskrizzjoni applikabbli ghat-talba rikonvenzjonali maghmula mill-konvenut. Fis-sentenza tad-29 ta' Mejju 2003 fl-kawza fl-ismijiet **'Victor Portelli vs Mark Psaila'** il-Qorti (PA/JRM) stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni ghall-hlas da parti tal-appaltatur kontra l-appaltant hija dik ta' sentejn taht l-Artikolu 2149a) tal-Kap. 16 u mhux dik ta' tmintax il-xahar taht l-Artikolu 2148a), u cioe' dik eccepita mill-atturi fil-kawza odjerna ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut. Fl-imsemmija sentenza intqal ukoll li *"il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti)…."*

Ghalhekk anki l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-atturi ghat-talba rikonvenzjonali maghmula mill-konvenut qed tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, billi jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-atturi ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u billi jordna l-prosegwiment tal-kawza ghas-smiegh tal-provi dwar il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------